# Beati u Qaddisin...Lulju

San Bernardino Realino 2 ta' Lulju

Gie mahtur patrun tal-belt meta kien ghadu haj.  Qatt ma grat u sehhet haga bhal din  b'tant solennita'. Ninsabu gewwa Lecce fis-sajf tas-sena 1616,  Il-patri Gizwita Bernardino Realino qieghed imut, 42 sena wara li wasal fil-belt.  Is-Sindku u l-membri  tal-belt imorru kollha jaghmlulu zjara uficcjali.  Jitolbuh biex ikun il-protettur tal-belt ghal dejjem, minn generazzjoni ghal ohra. Il-moribond jaccetta ferhan u kalm.  Minn naha l-ohra hu diga habib,  kunsillier u bniedem li joffri l-ghajnuna tieghu lic-cittandini ta' Lecce- tista tghid diga "patrun" sa minn 40 sena anki jekk mhux minn Lecce u anqas mill-Puglia.

Twieled minn familja maghrufa minn Capri u l-ewwel studju tieghu ghamlu



god-dar taht imghallmin privati b iex wara intbaghat fl-Akkademja ta' Modena, wahda mill-aktar centri maghrufa kulturali go l-Italja. Kollox kien jinteressah: studja l-letteratura klassika, il-filosofija u l-medicina u fl-eta ta' 26 sena huwa ha l-lawrea fid-dritt kanoniku u civili.

Missieru kien jahdem mill-qrib mal-kardinal Cristoforo Madruzzo. Minhabba li l-kardinal kien isqof ta' Trento u mis-sena 1556 bis-sahha tar-re Fillippu II ta' Spanja kien gvernatur ta' Milan, id-duttur Bernardino sab min iheggu biex jimla' postijiet pubblici. Ghaddha minn kariga ghal ora u dejjem aktar

fil-gholi, imma fl-ahhar l-karriera tieghu waqfet. Il-Gizwiti waslu fil-belt u Bernardino kien jiffrekwenthom. Dawn iz-zjajjar hajruh biex jidhol maghhom. Abbanduna l-karriera u dak kollu li kienet toffri, biex jidhol fis-servizz t'Alla. Kienet is-sena 1564 meta Alonso Salmeron, wiehed mill-ewwel li taw spinta lis-socjeta'ta' Gesu' flimkien ma' Injazju minn Loyola laqghu fi hdan is-socjeta'.

Fis-sena 1567 huwa gie ikkonsagrata sacerdot u mahtur majjistru tan-novizzi. Meta kien gewwa Lecce huwa waqqaf kullegg li ghalih iddedika hajtu kollha. Ma dan zid id-dedika lill-poplu ta' Lecce li fin sab kull ghajnuna u wens. Kien joffri l-ghajnuna tieghu lil kull min jitlobiehlu: fqar, sinjuri, ghorrief,injuranti li kollha kien jibqghu mistghagba bil-hidma bla heda tieghu. Diversi mirakli kienu attribwiti lilu waqt li kien ghadu haj.

Meta kellu 86 sena huwa miet wara li hakmitu marda bil-kelmiet ta' Gesu' Marija fuq xufftejh. Il-Papa Piju XII ipproklamah qaddis fis-sena 1947.